**Domandi preliminari**

1) Il-mod kif hija komposta l-persuna ġuridika rregolata fil-paragrafu 10 tal-Artikolu 25 il-ġdid tal-Ley de Propiedad Intelectual (il-Liġi dwar il-Proprjetà Intellettwali) huwa kompatibbli mad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerti aspetti ta’ drittijiet ta’ l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta’ l-informazzjoni [1] jew, b’mod iktar ġenerali, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea?

2) Huwa kompatibbli mad-Direttiva 2001/29 jew mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti lill-persuna ġuridika msemmija fakultajiet sabiex tirrikjedi informazzjoni, inkluża informazzjoni ta’ kontabbiltà, mingħand applikanti għal ċertifikat ta’ eżenzjoni mill-obbligu li jħallsu imposti għall-ikkopjar privat?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fis-7 ta’ Mejju 2021 – Confederación Nacional de Autoescuelas (CNAE) *et* vs Asociación para la Defensa de los Intereses Comunes de las Autoescuelas (AUDICA) *et***

**(Kawża C-292/21)**

(2021/C 329/10)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Administración General del Estado, Confederación Nacional de Autoescuelas (CNAE), UTE CNAE-ITT-FOR-MASTER-ECT

*Konvenuti:* Asociación para la Defensa de los Intereses Comunes de las Autoescuelas (AUDICA), Ministerio Fiscal

**Domanda preliminari**

Ir-regola nazzjonali li l-għoti tal-korsijiet għal sensibilizzazzjoni u edukazzjoni mill-ġdid dwar it-traffiku għall-irkupru ta’ punti ta’ liċenzji għandu jsir permezz ta’ konċessjoni ta’ servizz pubbliku hija kompatibbli mad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern [1]– jew, skont il-każ, ma’ regoli jew prinċipji oħrajn tad-dritt tal-Unjoni?

(1) ĠU 2006, L 376, p. 36.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Braşov (ir-Rumanija) fl-10 ta’ Mejju 2021 – S.C. Techno-Gaz K.F.T. PAKS vs U.A.T. Comuna Dalnic**

**(Kawża C-298/21)**

(2021/C 329/11)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Braşov

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* S.C. Techno-Gaz K.F.T. PAKS

*Konvenut:* U.A.T. Comuna Dalnic

**Domanda preliminari**

Il-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi kif previst fl-Artikolu 56 Trattat FUE, l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi ([1]), kif ukoll il-prinċipji ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta bejn operaturi ekonomiċi u ta' proporzjonalità, li huma speċifiċi għad-dritt tal-Unjoni Ewropea, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kuntratti pubbliċi, bħar-regola Rumena li tinsab fl-Artikolu 96(1) tal-Hotărârea Guvernului (id-Digriet tal-Gvern) Nru 925/2006, li tipprevedi li, jekk partijiet mill-kuntratt pubbliku għandhom jitwettqu minn subappaltatur wieħed jew iktar, il-kuntratti ppreżentati għandhom ikunu konformi mal-offerta u għandhom jiġu annessi mal-kuntratt pubbliku, interpretata fis-sens li s-servizzi subappaltati għandhom ikollhom l-istess valur / l-istess prezz bħal dak stipulat fil-kuntratt prinċipali għal dawn is-servizzi?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Oradea (ir-Rumanija) fil-11 ta' Mejju 2021 – Curtea de Apel Alba Iulia, Curtea de Apel Cluj, Tribunalul Bihor, Tribunalul Satu Mare, Tribunalul Sălaj vs YF, KP, OJ, YS, SL, DB, SH**

**(Kawża C-301/20)**

(2021/C 329/12)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Oradea

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Curtea de Apel Alba Iulia, Curtea de Apel Cluj, Tribunalul Bihor, Tribunalul Satu Mare, Tribunalul Sălaj

*Konvenuti:* YF, KP, OJ, YS, SL, DB, SH

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Tribunalul Cluj, Consiliul Național pentru Combaterea Discriminării

**Domandi preliminari**

1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([1]), dwar il-garanzija ta' proċeduri ġudizzjarji "disponibbli għal-persuni kollha li jikkunsidraw ruħhom trattati ħażin minħabba nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament", kif ukoll id-dispożizzjonijiet [tal-ewwel paragrafu] tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dwar il-garanzija tad-dritt għal "rimedju effettiv u għal proċess imparzjali", għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu regola f'leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fl-Artikolu 211(c) tal-Legea dialogului social nr. 62/2011 (il-Liġi dwar id-Djalogu Soċjali Nru 62/2011), li tipprovdi li l-perijodu ta' tliet snin għat-tressiq ta' talba għal rimedju jibda jiddekorri "mid-data li fiha seħħ id-dannu", irrispettivament minn jekk il-lanjant kellux għarfien jew le li seħħ id-dannu (u l-portata tiegħu)?

2) Id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 2(1) u (2) u fl-aħħar tal-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78 għandhom jiġu interpretati bħala li jipprekludu regola f'leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fl-Artikolu 1(2) tal-Legea-cadru nr. 330, din 5 noiembrie 2009, privind salarizarea unitară a personalului plătit din fonduri publice (il-Liġi-Qafas Nru 330 tal-5 ta' Novembru 2009 dwar ir-Remunerazzjoni Uniformi tal-Persunal Imħallas minn Fondi Pubbliċi), kif interpretat fis-sentenza Nru 7/2019 (ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României* (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Rumanija) Nru 343 tas-6 ta' Mejju 2019) mogħtija mill-Înalta Curte de Casație şi Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) f'rikors fl-interess tal-liġi, peress li r-rikorrenti ma kellhomx l-opportunità legali li jitolbu żieda fl-allowance tal-impjieg tagħhom fil-mument tad-dħul tagħhom fil-ġudikatura, li seħħet wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi-Qafas Nru 330 tal-2009, att leġiżlattiv li espressament jipprovdi li d-drittijiet għas-salarju huma u jibqgħu esklużivament dawk ipprovduti minn [din] il-liġi, li jfisser li hemm diskriminazzjoni fir-remunerazzjoni meta mqabbla mal-kollegi tagħhom, inkluż fuq il-bażi tal-kriterju tal-età peress li l-membri tal-ġudikatura anzjani biss, li ġew maħtura qabel Jannar 2010 (li